**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**(Sede Superjuri)**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. – Aġent President**

**Onor. Imħallef Dr. Giovanni M. Grixti LLM. LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Att t' Akkuża Numru: 18/2012**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Martin Marco Baldacchino**

Illum is-26 ta' Mejju 2021.

Il-Qorti;

**1.** Rat l-Att tal-Akkuża mressqa quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fit-28 ta' Ġunju 2012 kontra l-akkuzat, Martin Marco Baldacchino (I.D. 0546975M) li bis-saħħa tiegħu l-istess Avukat Ġenerali wara illi ippremetta:

> **Fl-Ewwel Kap**, illi fl-erbgħa u għoxrin (24) ta` Awwissu tas-sena elfejn u ħdax (2011) għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofs inhar (3.00pm) l-akkużat Martin Marco Baldacchino mar quddiem ir-residenza tal-familja Falzon bin-numru erbgħa u għoxrin (24) 'Xalun', Triq il-Kbira, Ħal-Qormi u daħal wara l-ħasira li kienet qed tgħatti l-bieb ta' barra ta' din l-istess residenza.
>
> Illi l-akkużat kellu f'idu materjal tessili imxarrab bil-fjuwil u lighter.
>
> Illi kif kien wara l-bieb moħbi bil-ħasira, l-akkużat volontarjament ta n-nar lil dan il-bieb permezz tal-lighter li kellu fuqu u l-materjal tessili imxarrab bil-fjuwil, bl-intenzjoni li jqabbad r-residenza fuq imsemmija u dan meta kien jaf

li ġewwa kien hemm xi persuni, jew li seta' kien hemm xi persuni ġewwa fil-mument tal-ħruq. Sussegwentement l-akkużat ħarab minn fuq il-post jiġri.

Illi dan kollu sar quddiem il-kuntistabbli PC1597 Alfred Chetcuti li dak il-ħin ma kienx xogħol. Pero' xorta waħda il-kuntistabbli PC1597 ġera wara l-akkużat u arrestah ftit il-bogħod minn fejn ġara l-inċident.

Illi dak il-ħin f'din ir-residenza kien hemm Saviour Falzon, il-mara tiegħu Mary Falzon, it-tifel tiegħu George Falzon u xi ħaddiema li dak il-ħin kienu qed jagħmlu xi xogħol fuq il-bejt ta' din ir-residenza.

Illi fortunatament ħadd minn dawn il-persuni ma sofra ġrieħi jew miet u dan grazzi għall-intervent ta' xi persuni li immedjatament ikkontrollaw in-nar.

Illi b'għemilu l-imsemmi Martin Marco Baldacchino sar ħati talli volontarjament ta n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta' hemm ġew kien hemm xi persuna fil-waqt tal-ħruq, iżda għalkemm ebda persuna ma tilfet ħajjitha, huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Martin Marco Baldacchino, ħati talli volontarjament ta n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta' hemm ġew kien hemm persuna fil-waqt tal-ħruq, iżda għalkemm ebda persuna ma tilfet ħajjitha, huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna; talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn disa' snin u mhux iktar minn tnax-il sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 316(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Fit-Tieni Kap** illi dakinhar tal-inċident mertu tal-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża u ċioe' fl-erbgħa u għoxrin (24) ta` Awwissu tas-sena elfejn u ħdax (2011) għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofs inhar (3.00pm) meta l-akkużat Martin Marco Baldacchino ta in-nar lill-bieb tar-residenza bin-numru erbgħa u għoxrin (24) 'Xalun', Triq il-Kbira Ħal-Qormi tal-familja Falzon huwa volontarjament ikkawża ħsara f'dan l-istess bieb kif ukoll fil-ħasira u il-faċċata ta' din l-istess residenza, liema ħsara teċċedi l-elf, mija erbgħa u sittin euro punt disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Illi b'għemilu l-imsemmi Martin Marco Baldacchino sar ħati talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Martin Marco Baldacchino, ħati talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69); talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi

kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax il-xahar sa erba' snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(a), 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Fit-Tielet Kap** illi fid-disgħa (9) ta' Gunju 2011, l-akkużat Martin Marco Baldacchino kien ġie misjub ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali wara li fit-tnejn (2) ta' April 2011, għall-ħabta tal-4:45 ta' filgħodu ikkommetta serq minn vettura aggravat bil-mezz, valur, ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa kif ukoll talli kiser kundizzjoni li ma jagħmilx reat iehor fi zmien sittax-il xahar.

Illi bħala piena għal dawn iż-żewġ imputazzjonijiet huwa kien ġie imqiegħed taħt Ordni ta' 'Probation' għal perjodu ta' sentejn.

Illi din is-sentenza kienet res judikata.

Illi nonostante din is-sentenza l-akkużat Martin Marco Baldacchino fl-erbgħa u għoxrin (24) ta` Awwissu tas-sena elfejn u ħdax (2011) għall-ħabta tat tlieta ta' wara nofs inhar (3.00pm) mar quddiem ir-residenza tal-familja Falzon bin-numru erbgħa u għoxrin (24) 'Xalun', Triq il-Kbira Ħal-Qormi u fiċ-ċirkostanzi ndikati fl-ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza ta n-nar lill-bieb ta' barra ta' din l-istess residenza. Illi b'għemilu l-imsemmi akkużat sar ħati talli fl-erbgħa u għoxrin (24) ta` Awwissu tas-sena elfejn u ħdax ikkommetta reat waqt il-perjodu ta' l-Ordni ta' 'Probation'.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Martin Marco Baldacchino, li kiser Ordni ta' 'Probation' imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati datata disgħa (9) ta' Ġunju 2011 għal perjodu ta' sentejn li jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza billi ikkommetta żewġ reati fl-erbgħa u għoxrin (24) ta` Awwissu tas-sena elfejn u ħdax (2011); għalhekk talab li f'kaz ta' dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront ta' dawn ir-reati msemmija fl-ewwel u t-tieni Kap tibgħat lill-akkużat Martin Marco Baldacchino quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex din il-Qorti tittratta ma l-akkużat għar-reati li dwaru saret l-Ordni ta' Probation u dan skond l-artikoli 7 u 23 (1)(b) tal-Att dwar il-Probation (Kap 446).

**2.** Rat illi meta ssejjaħ il-ġuri fl-1 ta' Diċembru, 2016, l-akkużat fuq id-domanda tar-Reġistratur tal-Qorti Kriminali wieġeb li hu ħati skont l-Att t'Akkuża miġjuba kontra tiegħu. L-appellat ingħata z-zmien biex jikkonsidra d-dikjarazzjoni tiegħu iżda hu kkonferma li l-ħtija tiegħu skont l-Att t'Akkuża.

3. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali, tal-14 ta' Diċembru, 2016, fejn il-Qorti Kriminali sabet lill-akkużat ħati tal-ewwel żewġ Kapi t'Akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 21, 316(a), 31 u 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u ikkundannatu għal piena ta' erba' snin u sitt xhur priġunerija b'dana illi l-perjodu tal-arrest preventiv għandu jitnaqqas minn tali piena. Dwar it-tielet Kap t' Akkuża, wara li rat l-artikoli 7

u 23(1)(b) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li l-ħati Martin Marco Baldacchino jintbagħat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati biex jigi ġudikat fuq il-fatt tal-ksur tal-Ordni ta' Probation maħruġ favur tiegħu minn dik l-istess Qorti b'sentenza tad-9 ta' Ġunju, 2011. Fl-aħħar nett, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali kkundannat lil Martin Marco Baldacchino għal ħlas ta' elf u disgħin ewro u sebgħin ċenteżmu (€1090.70) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti u ordnat illi jekk dawn l-ispejjeż ma jitħallsux fi żmien sittin (60) ġurnata, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

**4**. Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat.

**5.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Martin Marco Baldacchino ppreżentat quddiem din il-Qorti nhar it-30 ta' Diċembru 2016, liema appell iżda ġie rtirat mill-appellant fis-seduta tat-28 ta' April 2021.

**6**. Rat ukoll ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali ppreżentat fl-4 ta' Jannar 2017, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu l-Qorti Kriminali sabet lill-appellat ħati ta' l-akkużi hekk kif dedotti fil-konfront tiegħu fl-Att t'Akkuża u in kwantu ordnat, b'referenza għat-tielet kap tal-Att tal-Akkuża, illi l-appellat jintbagħat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati biex jiġi ġudikat fuq il-ksur ta' l-Ordni ta' *Probation* maħruġ favur tiegħu minn dik l-istess Qorti b'sentenza tad-9 ta' Ġunju 2011 u tirrevoka biss dik il-parti tas-sentenza fejn l-Qorti Kriminali erogat il-piena taħt il-minimu t'erba' snin u sitt xhur priġunerija fil-konfront ta' l-ewwel żewġ Kapi tal-Att tal-Akkuża u minflok din l-Qorti tgħaddi sabiex tinfliġġi piena fil-parametri tal-liġi.

**7**. Rat illi l-aggravji tal-Avukat Ġenerali huma limitati għal-piena erogata mill-Qorti Kriminali partikolarment għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-artikolu 21 mill-Ewwel Qorti, li fil-fehma tal-appellant Avukat Ġenerali saret b'mod manifestament żbaljat u li konsegwentement wasslet sabiex il-Qorti Kriminali niżlet taħt il-minimu tal-piena stabbilit fil-liġi.

**8**. Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**9.** Illi dan l-appell jirrigwarda limitatament il-piena erogata mill-Qorti Kriminali fil-konfront ta'l-akkużat Martin Marco Baldacchino wara li hu ammetta għall-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Illi kemm l-akkużat Martin Marco Baldacchino, kif ukoll l-Avukat Ġenerali ħassewhom aggravati minn din is-sentenza, madanakollu l-appellant Baldacchino rtira l-appell minnu intavolat u kwindi l-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess. Jifdal għalhekk biex jiġu determinati l-aggravji imqanqla mill-Avukat Ġenerali fejn essenzjalment jilmenta illi l-Qorti Kriminali għamlet applikazzjoni żbaljata ta' dak dispost fl-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u dan peress illi r-raġunijiet miġjuba fis-sentenza appellata sabiex jiġġustifikaw l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni mogħtija lil Qorti, fl-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, ma jikkostitwux dawk ir-'**raġunijiet speċjali u straordinarji**' li jitkellem dwarhom il-leġislatur.

**10.** Issa l-Qorti Kriminali qalet hekk fis-sentenza tagħha:

> **"Illi ghandu jigi rilevat is-segwenti. Meta l-Avukat Generali pprezenta l-Att ta' Akkuza l-piena fil-minima skont l-artikolu 316(a) tal-Kodici Kriminali kienet ta' disa' snin. Dan l-artikolu partikolari kien gie emendat bl-Att numru XXIV tas-sena 2014 fejn il-piena minima giet imnaqqsa ghal perjodu ta' sitt snin prigunerija. Il-massimu baqa' l-istess - tnax il-sena. Ghalhekk, din il-Qorti trid timxi fuq il-parametri tal-piena l-aktar favorevoli lill-akkuzat u cioe' l-piena tista' tvarja minn minimu ta' sitt snin sa massimu ta' tnax il-sena.**
>
> **Illi fl-erogazzjoni tal-piena apparti dak li nghad aktar 'il fuq ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li dak iz-zmien l-akkuzat kellhu problemi serji ta' droga li llum irnexxilu jeghleb.**
>
> **Illi, fil-qosor, l-abbli avukati difensuri fit-trattazzjoni taghhom indikaw li s-sentenzi li gew ezebiti u il-kaz in ezami ghandhom hafna punti ta' xebh. Min-naha tal-Prosekuzzjoni t-tezi hi li minhabba l-fatt li l-akkuzat ammetta l-akkuzi skont l-Att ta' Akkuza, is-sentenzi in ezami ma ghandhomx x'jaqsmu.**
>
> **Illi hu car li l-fatti specie ta' dawk il-hames sentenzi ezebiti huma differenti ghal xulxin kif ukoll huma differenti ghal kaz in ezami u din il-Qorti mhux ser tiddilunga fuq dan l-aspett.**
>
> **Illi ghal finijiet tal-akkuzat hu mportanti jekk din il-Qorti tista' tapplika l-benficcji ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali favur tieghu. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-fatt li akkuzat wera li ried ighin lill-pulizija fi stadju bikri tal-**

**kompilazzjoni hi raguni specjali ghall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu. Il-fatt li hu ighin ftit tal-gimghat ilu ma jistax jittiehed kontra l-akkuzat. Min kif jemergu l-fatti, il-htija ghal dan id-dewmin hu tal-ufficjal prosekutur, tenut kont li l-akkuzat ghamel hafna xhur taht arrest preventiv. Zewg punti ohra, huma li l-akkuzat ammetta l-htija tieghu u b'hekk ma kienx hemm il-htiega li tissejjah gurija u il-fatt li hu hallas id-danni li hu ghamel qabel il-pronunzjament ta' din is-sentenza. Jigi rilevat li t-tieni Kap ta' Akkuza hu kompriz u involut fl-ewwel Kap ta' Akkuza."**

**11.** Illi minn qari tas-sentenza appellata jemerġu s-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. Illi l-Ewwel Qorti meta ġiet biex teroga l-piena ħadet in konsiderazzjoni erba′ fatturi mitiganti u ċjoe′ l-ammissjoni bikrija qabel ma ġie kompost il-ġuri, il-fatt illi l-appellat għen lil pulizija fl-investigazzjonijiet marbuta ma′ dan il-każ, il-ħlas tad-danni kaġjonati lil vittmi, u finalment ir-riforma fil-hajja tiegħu li kienet waħda maħkuma mill-vizzju tad-droga.
2. Illi dawn ir-raġunijiet il-Qorti Kriminali tiddeskrivihom bhala raġunijiet speċjali.

**12**. Magħdud ma′ dan il-Qorti Kriminali kienet tal-fehma illi l-fatt illi l-investigaturi naqsu milli jkellmu lill-appellat, allavolja debitament awtorizzati mill-Qorti Istruttorja, fuq talba ta′ Baldacchino stess, sabiex jgħinhom fl-investigazzjonijiet relatati mal-każ in eżami, u liema komunikazzjoni saret biss qabel l-appellat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fis-sena 2016 u għalhekk ħames snin wara, ma kellux jissarraf f′preġudizzju għal-appellat.

**Ikkunsidrat:**

**13.** Illi bħala prinċipji ġenerali li jirregolaw id-determinazzjoni tal-piena applikabbli, hija prassi tal-qrati kif imfisser fil-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, illi mhuwiex normali għal Qorti ta′ reviżjoni li tiddisturba d-diskrezzjoni ezerċitata mill-Qorti tal-prim′istanza meta din teroga l-piena l-aktar idonja għal persuna akkużata quddiemha bil-kummissjoni ta′ reat, **dment illi l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x′jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat**.[1] Apparti minn hekk, il-ġurisprudenza wkoll tgħallem illi

[1] Enfazi tal-Qorti.

m'hemm assolutament l-ebda garanzija li l-piena fil-konfront tal-ġudikabbli li jkun ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu tiġi mnaqqsa għas-sempliċi fatt li hu jkun ammetta, dment dejjem li l-piena mposta tkun fil-parametri tal-liġi.[2]

**14**. Issa il-Leġislatur madanakollu ħaseb sabiex jagħti diskrezzjoni lil Ġudikant illi jagħti dik il-piena iżgħar u li tkun tixraq u li tkun anqas mill-minimu stabbilit fil-liġi, fil-każ biss fejn ikun hemm raġunijiet speċjali u straordinarji (indikati bhala *"special and extraordinary cirmcumstances"* fit-test Ingliż) li jiġġustifikaw dak it-tnaqqis u li għandhom jissemmew bir-reqqa u fid-dettall fis-sentenza. Illi il-ġurisprudenza dejjem fissret dan il-ħsieb tal-Leġislatur fis-sens illi l-Ġudikant għandu jirrikorri għall-applikazzjoni ta' din is-setgħa kif imfisser fl-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali bħala l-eċċezzjoni u mhux regola. Dan huwa meħtieġ ukoll sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali jkollha l-jedd tissindika jekk dawn ir-raġunijiet humiex effettivament raġunijiet speċjali kif ukoll straordinarji.[3]

> **"Dan l-artikolu tal-ligi, gja l-artikolu 23A, li kien gie introdott bl-Ordinanza XII tal-1944 u gie emendat bl-Att XXI tal-1971, jipprovdi li l-Qorti tista', ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, taghti dik il-piena izghar li, fid-diskrezzjoini taghha, tkun tixraq, ghad illi jkun hemm stabbilit l-inqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat.**
>
> **Illi, fl-ewwel lok, dejjem gie ritenut li biex jigi applikat dan l-artikolu, l-Qrati jridu jaghmlu riferenza espressa ghalih fis-sentenza. Inoltre iridu jelenkaw fid-dettall ir-ragunijiet specjali w straordinarji li skondhom iwasslu ghall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu. Dawn ir-rekwiziti gew osservati mill-lat formali fis-sentenza appellata....[4]"**
>
> **"Il-gurisprudenza in materja hi fis-sens segwenti: filwaqt li huwa minnu li jekk ma jissemmewx fis-sentenza ir-ragunijiet specjali u (mhux "jew")**

---

[2] Ara fost oħrajn Pulizija vs. Omissis deċiż fit-23.01.13 mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs. Ryan Dimecch deċiż nhar l-4.11.2004, mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizija vs. Emanuel Magro deċiża nhar it-2.6.2004, mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs. Joseph Scerri deċiża nhar it-12.5.04 deċiża mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs. Salah Aldin M.m.bin Abdo Alslam deċiż nhar il-5.12.03 mill-Imħallef Vincent Degaetano, Pulizija vs. Massimiliano Maurizio deċiż nhar it-13.11.03 mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizja vs. Jeremy James Farrugia, deċiż nhar l-14.10.03 mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizija vs. Mark Mifsud deċiż nhar is-6.12.02 mill-Imħallef Vincent Degaetano, Pulizija vs. Carmel Zammit sive Charles deċiża nhar id-29.07.2002, Pulizija vs. Emanuel Testa deċiża nhar is-17.7.02 mill-Imħallef Vincent Degaetano, Pulizija vs. Joseph Attard deċiż nhar is-26.01.01 mill-Imħallef Patrick Vella, ilkoll deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri.

[3] Ara fost oħrajn l-appelli tal-Qorti Kriminali fis-sede Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs. Francis Axisa ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano datata is-17 ta' Ottubru 1997, Pulizija vs. Joseph Difeza ppreseduta mill-imħallef Vincent Degaetano datata l-15 ta' Novembru 1996 u Pulizija vs. Francis Borg et ppreseduta mill-Imħallef Victor Caruana Colombo datata l-31 ta' Lulju 1995.

[4] Il-Pulizija vs Raymond Bugeja – 10 ta' Jannar 2008 – Appell Inferjuri

**straordinarji, l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ghandu jitqies li ma giex applikat, mhux kullma l-Ewwel Qorti tipprospetta fis-sentenza bhala ragunijiet specjali u straordinarji ghandhom necessarjament jigu accettati minn din il-Qorti (cioe' mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali) bhala tali. Ir-ragunijiet specjali u straordinarji migjuba fis-sentenza appellata huma sindakabbli minn din il-Qorti ghall-finijiet ta' appell taht l-artikolu 413.. ..tal-Kodici Kriminali. Huwa proprju ghall-finijiet ta' tali sindakabilita' li l-istess artikolu 21 jipprovdi li dawn ir-ragunijiet specjali u straordinarji ghandhom " jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza". Kieku kien mod iehor ifisser li l-Qorti Inferjuri tista' ssemmi l-aktar ragunijiet assurdi jew ordinarji u tikkwalifikhom bhala "specjali u straordinarji" u l-Avukat Generali xorta wahda ma jkunx jista' jappella taht l-artikolu 413(1)(b)(iii) imsemmi.[5] Fil-fehma ta' din il-Qorti, din qatt ma kienet l-intenzjoni tal-legislatur. Mil-banda l-ohra din il-Qorti dejjem ikkoncediet margini ta' diskrezzjoni wiesgha hafna lill-Ewwel Qorti ghal dak li hu apprezzament ta' x' jammonta jew ma jammontax ghal "ragunijiet specjali u straordinarji". Fi kliem iehor, l-artikolu 21 irid jigi osservat kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza u meta ma jigix hekk osservat l-Avukat Generali jkollu dritt ta' appell fuq punt ta' dritt minn dik is-sentenza. Jekk, pero' l-artikolu 21 ikun gie osservat fil-forma u r-ragunijiet migjuba bhala "specjali u strardinarji" ma jkunux mad-daqqa t'ghajn frivoli, din il-Qorti ma tissostitwix l-apprezament taghha dwar dawk ir-ragunijiet ghall-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti."[6]**

**15**. Issa minn qari tas-sentenza appellata għandu jemerġi illi l-Qorti Kriminali għaddiet biex tapplika l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u erogat piena li kienet taqa' taħt il-minimu maħsub fil-Liġi għar-reati li dwarhom l-appellat ġie misjub ħati. Elenkat ukoll dawk ir-raġunijiet li fil-fehma tagħHa jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, iżda huwa evidenti mill-korp tas-sentenza illi l-Ewwel Qorti llimitat ruħha għal dawk ir-raġunijiet li qieset speċjali u xejn aktar. Qed jingħad hekk peress illi d-diċitura tal-Liġi tindika li mhux biżżejjed li dawn ikunu raġunijiet speċjali iżda jinħtieġ li jkunu wkoll **straordinarji**, jew kif aħjar deskritti fit-test Ingliż bhala *"extraordinary"*.

**16**. Illi l-Qorti tistqarr minnufih illi r-raġunijiet indikati fis-sentenza appellata, kif ġustament jikkontendi l-Avukat Ġenerali, ma humiex dawk ir-raġunijiet li jistgħu b'xi mod jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta'l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali f'dan il-każ.

---

[5] F'appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu jedd għal appell fit-termini ta'l-artikolu 500(2) tal-Kodiċi Kriminali

[6] "Il-Pulizija vs. Joseph Scicluna" [30.10.2000] Appell Inferjuri

Dawn huma dawk ir-raġunijiet li, meta l-eżistenza tagħhom tkun ippruvata, l-Qrati dejjem jieħdu in konsiderazzjoni meta jiġu biex jikkalibraw il-piena u għalhekk sabiex jaraw jekk jeżistux dawk iċ-ċirkostanzi mitiganti li jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' piena li xxaqleb aktar lejn il-minimu milli lejn il-massimu tagħha. Fost dawn ir-raġunijiet huma l-ammissjoni tal-persuna akkużata fi stadju bikri, il-kumpens tad-danni kaġjunati lil vittma, l-assistenza jew koperazzjoni mal-pulizija fl-investigazzjonijiet u ir-riforma tal-ħati. Dawn huma motivazzjonijiet li jiġu spiss imqiegħda f'ħoġor il-Qorti fuq bażi regolari f'kawżi kriminali sabiex jiġi determinat il-miżien lejn liema naħa ser ixaqleb fil-parametri prefissi fil-liġi. Ammissjonijiet bikrija isiru bil-bosta, sija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sija aktar tard quddiem il-Qorti Kriminali qabel jiġi kompost il-ġuri. Bosta drabi jiġri wkoll illi l-akkużat jħallas id-danni għall-ħsarat ikkaġunati minnu fil-kors tal-kummissjoni tar-reat qabel ma huwa jiġi misjub ħati u kkundannat mill-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali. U bosta drabi wkoll dawn il-Qrati jieħdu kont u nota ta' dak il-ġest pożittiv li l-akkużat ikun għamel biex jirripara għall-ħsara li jkun għamel. U fil-fatt fl-istess vena, meta l-Qorti tiġi biex tisħtarreġ in-natura tal-piena li tkun adatta għall-każ partikolari, hija dejjem tfittex l-ewwel u qabel kollox li tara li tkun tista' sseħħ ir-riforma tal-ħati b'piena li kemm jista' jkun, u safejn legalment possibbli, tkun waħda li toħloq bilanċ bejn l-aspett riformattiv ma dak retributtiv. Illi dawn il-fatturi ta' mitigazzjoni madanakollu rarament waħedhom jagħtu jedd lil persuna misjuba ħatja illi tibbenifika minn dak dispost fl-artikolu 21 għaliex altrimenti, kif tajjeb stqarret din il-Qorti, fis-sede inferjuri tagħha, fl-appell 'il-Pulizija vs Raymond Bugeja'[7], kull darba li jirrikorru dawn iċ-ċirkostanzi il-malvivent "**ikollu 'carte blanche' biex jikser id-dispozizzjonijiet kollha tal-ligijiet kriminali w fiskali bil-garanzija li ma jkunx ser ikollu jiffaccja r-riguri tal-ligi jekk mhux addirittura li ser igawdi impunita' assoluta".**

**17**. Illi anke l-assistenza li l-appellat offra lill-Pulizija (fuq liema koperazzjoni il-pulizija ħadu azzjoni biss ħames snin wara) lanqas ma tista' titqies bhala xi raġuni straordinarja fis-sens tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti ma tistax tasal biex tagħti piena aktar baxxa mill-minimu stabbilit mill-Liġi unikament biex din

[7] Deċiża 10 ta' Jannar 2008 ċitat *supra*

isservi ta' twiddiba għall-investigaturi talli ma imxewx fuq l-informazzjoni li seta' jagħtihom l-appellat. Jekk, meta u fejn l-investigatur juża dik l-informazzjoni jew jieħu azzjoni dwarha ċertament mhix mansjoni ta' xi Qorti ta' Ġustizzja Kriminali. L-anqas ma tali Qorti tista' tindaħal sabiex b'xi mod li ikun, minħabba f'din l-azzjoni (jew inazzjoni skont il-każ) jista' jingħata xi benefiċċju (o meno) lil ġudikabbli. Illi allura din il-Qorti hija tal-fehma illi r-raġunijiet msemmija mill-Qorti Kriminali u li ġew meqjusa minnha bħala raġunijiet speċjali, f'ebda mod ma jistgħu jitqiesu wkoll bħala raġunijiet straordinarji, anzi l-Qorti tazzarda tgħid illi lanqas ma jistgħu jikkwalifikaw bħala r-raġunijiet speċjali li jitkellem dwarhom l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali.

**Ikkunsidrat:**

**18.** Illi ġaladarba l-Qorti Kriminali applikat dak dispost fl-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali erronjament, jikkonsegwi li l-piena li ġiet inflitta mill-Qorti Kriminali ma kienetx fil-kwantità tagħha dik prevista mill-Liġi għar-reat li tiegħu ġie misjub ħati l-akkużat appellat. B'hekk, fid-dawl ukoll li dan huwa appell magħmul mill-Avukat Ġenerali u konsegwenza tiegħu din il-Qorti kif komposta għandha s-setgħa li tvarja l-piena fit-termini tal-artikoli 500(4) u (5) tal-Kodiċi Kriminali, jifdal biss allura jiġi determinat x'għandha tkun dik il-piena xierqa li għandha tiġi mposta fil-konfront tal-appellat. Illi l-Qorti meta tiġi biex tikkalibra l-piena ser tieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha mitiganti indikati mill-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata li, kif ingħad, għalkemm ma jiġġustifikawx l-applikazzjoni ta'l-artikolu 21, madanakollu għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni fil-*quantum* tal-piena li għandha tiġi erogata, u li allura għandha tkun fil-parametri imposti fil-liġi. Illi l-piena applikabbli għar-reat ikkontemplat fl-ewwel kap tal-Att tal-Akkuża iġorr il-piena ta' bejn sitt snin u tnax il-sena priġunerija, u dan kif maħsub fl-artikolu 316(a) tal-Kapitolu 9, kif emendat. Illi imbagħad ir-reat miġjub fit-Tieni Kap u ċjoe' dak tal-ħsara volontarja għandu jitqies bħala mezz ai fini għal-kummissjoni tar-reat imfassal fl-Ewwel Kap biex b'hekk għandha tingħata biss il-piena għar-reat l-iktar gravi kif imfisser fl-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali. Issa l-Qorti Kriminali ikkundannat lill-appellat għal piena t'erba' snin u sitt xhur priġunerija li bl-aktar mod ċar jirriżulta li hija inqas mill-mimimu maħsub fil-liġi għar-reati li ġew ammessi mill-appellant. Illi imbagħad fid-dawl tal-

parametri tal-piena, kemm id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll dawk tal-Att dwar il-*Probation* ma jistgħux jiġu applikati minn din il-Qorti f'dan il-każ.

**19.** Illi jirriżulta illi l-appellat diġà skonta l-piena li għaliha ġie ikkundannat mill-Qorti Kriminali, tant illi din kienet fil-fatt ir-raġuni li wasslet lill-appellat jirtira l-appell minnu intavolat. Illi mix-xiehda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Odelsie Bayliss, maħtura mill-Qorti sabiex tħejji *pre-sentencing report* aġġornat fil-konfront tal-appellat jidher illi l-appellat qiegħed jimxi fit-triq tar-riforma f'ħajtu u għalkemm jirriżulta illi għadu ma ħelisx għal kollox mid-dipendenza tiegħu fuq id-droga, speċjalment meta jkun qed jiffaċċja mumenti diffiċli f'ħajtu, madanakollu jidher illi dan il-konsum illum huwa wieħed sporadiku. Dan ifisser illi l-appellat għandu jibbenefika minn pjan ta' kura biex jegħleb għal kollox dan il-vizzju li ħakimlu ħajtu mill-età tenera ta' ħmistax-il sena. Għal dak li tirrigwarda l-ammissjoni bikrija, għalkemm din ma saritx fi stadju preliminari ta' dawn il-proċeduri iżda lejliet iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, madanakollu dan il-fattur għandu jservi ta' mitigazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena billi ġew evitati ħela ta' ħin u riżorsi kemm umani kif ukoll finanzjarji fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Kif il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni ukoll l-informazzjoni mgħotija lill-Pulizija u li ġiet ikkonfermata bil-ġurament quddiem l-Inkwirenti.

**20**. Issa fuq dan l-aħħar punt, id-difiża tiġbed analoġija ma' dak maħsub fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-ġudikabbli jibbenefika minn ridużjoni fil-piena minn grad sa tnejn u dan "meta il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-proċess li dik il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina jew il-persuna misjuba ħatja kif intqal qabel tipprova għas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija". Għad-difiża dan ifisser illi ġaladarba il-parametri tal-piena, bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jinżlu bi grad jew tnejn, b'analoġija ma dan il-każ, dan kellu jitqies li jagħti lil Qorti ta' Ġustizzja Kriminali s-setgħa teroga piena li taqa' taħt il-minimu preskritt fil-liġi, u dan f'dawk il-każijiet fejn il-persuna akkużata tkun għenet lil pulizija fl-investigazzjonijiet tagħha. Bl-istess mod, allura fil-fehma tad-Difiża, anke il-Liġi ġenerali għandha ssegwi dik speċjali biex b'hekk tiġi tqis dik l-assistenza u l-

konsegwenzi ta' dak li jirriżulta minnha – *per analogia* - bħala waħda mir-raġunijiet speċjali u straordinarji msemmija fl-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali biex b'hekk tali Qorti tkun tista' tagħti piena iżgħar minn dik l-inqas piena preskritta fil-Liġi.

**21.** Issa l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, li hija il-liġi speċjali li tirregola reati marbuta ma' pussess, traffikar u importazzjoni ta' droga, ġie introdott fis-sistema leġislattiv permezz tal-Att VIII tal-1986 bl-iskop aħħari warajh ikun li l-Pulizija tiġi mogħnija b'għodda effettiva, effiċjenti u effikaċi biex biha tkun tista' ssaħħaħ il-ġlieda tagħha kontra l-importazzjoni u t-traffikar tad-droga. Illi allura fiż-żmien tal-introduzzjoni ta' din id-dispożizzjoni tal-Liġi, l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali kien diġà fuq saqajh u jitħaddem mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali. Dan ifisser, kuntrarjament għall-argument imqanqal mid-Difiża, illi li kieku l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali kien biżżejjed sabiex il-persuna akkużata b'reati kontra l-Ligijiet speċjali tad-droga setgħet tipprevalixxi ruħha minn dan il-benefiċċju mogħti fil-Liġi, il-Leġislatur ma kienx ikollu għalfejn iħoss il-ħtieġa li jerġa' joħloq dispożizzjoni oħra *ad hoc* li permezz tagħha persuna li tassisti l-Pulizija setgħet tibbenefika minn riduzjoni fil-piena, li tista' tinżel taħt il-minimu preskritt fil-liġi. Mhux biss iżda l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jirregola l-att vjolattiv marbut ma' liġi speċjali u kwindi jsib applikazzjoni biss għal dik il-liġi speċjali, sakemm il-Leġislatur ma jgħidx il-kontra. Tant hu hekk illi l-artikolu 7 tal-Kodiċi Kriminali, li jitkellem dwar il-pieni għad-delitti u kontravenzjonijiet, jirrendi applikabbli id-dispożizzjonijiet kollha tal-Kodiċi Kriminali għar-reati ikkontemplati f'xi liġi speċjali, ħlief meta dik id-dispożizzjoni tal-Kodiċi ma tkunx kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dik il-liġi speċjali. Mill-banda l-oħra l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprekludi l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali għal reati li jaqgħu taħt il-liġijiet tad-droga, u dan kif dispost fl-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għandu jfisser indubbjament li għal dawn it-tip ta' reati ma jistax ikun hemm ebda raġuni speċjali u straordinarja li minnha jista' jibbenefika l-ħati għajr għal dak it-tnaqqis ikkontemplat fl-artikolu 29 tiegħu. Illi allura l-Qorti ma tistax taqbel ma' dak sottomess mid-Difiża u ċjoe' illi r-raġunijiet speċjali u straordinarji imsemmija fl-artikolu 21 għandhom jinkludu dawk il-każijiet fejn il-persuna akkużata tagħti l-għajnuna tagħha lil Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom, billi għalkemm dan

għandu jitqies bħala fattur mitiganti ġeneriku, madanakollu ma jwassalx neċessarjament għal xi benefiċċju ulterjuri.

**22**. Finalment l-ilment imressaq 'il quddiem mid-Difiża dwar disparita' fil-piena bejn dik mogħtija fil-konfront ta'l-appellat u kundanni f'każijiet analogi jew simili kien ittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata u ġie respint fejn dik il-Qorti stqarret:

> **"Illi hu car li l-fatti specie ta' dawk il-hames sentenzi ezebiti huma differenti ghal xulxin kif ukoll huma differenti ghal kaz in ezami u din il-Qorti mhux ser tiddilunga fuq dan l-aspett."**

**23.** Il-Qorti Kriminali hawnhekk kellha raġun. L-appellat jammetti illi hu ta n-nar lil bieb ta' residenza privata u dan filwaqt li kien jaf, jew seta' jobsor, li kien hemm xi persuni ġewwa, kif fil-fatt irriżulta li kien hemm, li kienu mhux biss ir-residenti tal-fond iżda ukoll xi ħaddiema li f'dak il-ħin kienu qed jagħmlu xi xogħol fuq il-bejt tar-residenza. Fortunatament kif ħarab minn fuq il-post l-appellat ġie arrestat minn pulizija pajżan li nzerta kien fl-akwati u n-nar intefa fil-pront qabel infirex mad-dar kollha. Dan wassal lil Avukat Ġenerali sabiex jixli lill-appellat bir-reat maħsub fl-artikolu 316(a) tal-Kodiċi Kriminali, għal liema reat l-appellat ammetta b'mod inkondizzjonat. Issa fit-tlett kundanni, li għalihom irrefera l-appellat[8], il-Qorti Kriminali aċċettat l-ammissjoni tal-persuna akkużata għar-reat imfassal fl-artikolu 318 tal-Kodiċi Kriminali, liema reat iġorr piena ferm inqas u ċjoe dak tal-priġunerija bejn sentejn u erba' snin. Illi allura din il-Qorti ma tista' qatt tiġbed analoġija ma' dawn il-kundanni u dan meta l-appellat debitament assistit, mogħti smiegħ xieraq skont il-Liġi, għażel, mingħajr ma ġie imġiegħel, imbezza' jew mhedded, li jirreġistra ammissjoni għall-akkuża hekk kif lilu addebitata. Il-Qorti għalhekk issa għandha idejha marbuta u ma tistax ħlief tapplika dik il-piena maħsuba fil-liġi, liema piena madanakollu għar-raġunijiet kollha hawn fuq imfissra u bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali ser tkun fil-minimu assolut tagħha.

[8] Ir-Repubbllika ta' Malta vs Anthony Cilia, ir-Repubbblika ta' Malta vs Carmelo Camilleri u r-Repubbblika ta' Malta vs Marius Scerri

24. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell imressaq mill-akkużat Martin Marco Baldacchino stante illi dan ġie minnu rtirat, tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellat ħati ta'l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-appellat ġie ikkundannat għal perijodu ta' erba' snin u sitt xhur priġunerija u minflok tikkundannah għal piena ta' sitt snin priġunerija. Tikkonferma is-sentenza appellata fil-bqija b'dan għalhekk illi fit-termini tal-artikolu 7 u l-artikolu 23(1)(b) tal-Att dwar il-*Probation* tordna li l-ħati Martin Marco Baldacchino jintbagħat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bhala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali biex jiġi ġudikat fuq il-fatt tal-ksur ta' l-Ordni ta' *Probation* maħruġ favur tiegħu minn dik l-istess Qorti b'sentenza tad-9 ta' Ġunju, 2011. Finalment tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellat ġie ikkundannat, fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, jħallas l-ispejjeż peritali lir-Reġistratur tal-Qorti fl-ammont ta' €1090.70 u dan fi żmien sittin jum mil-lum, u fin-nuqqas li jsir il-ħlas fit-terminu konċess dawn jiġu konvertiti fi priġunerija skont il-liġi.

Onor. Imħallef Edwina Grima (Aġent President)

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti

Onor. Imħallef Aaron Bugeja